# Wied Inċita fi Tfuliti

**Kitba ta' Dr Joseph Borg**
*C.D.H.[Amenity]; Dip. Hort. [Amenity]; Ph.D. Hort. [Essex]*
*President Onorarju tal-Każin*
*'La Stella Levantina' Banda Santa Marija*

Wied Inċita jifforma parti mis-sensiela ta' widien li jibdew minn taħt l-Imdina f'żona magħrufa bħala l-Ħemsija, qrib Ta' Qali. Imbagħad ikompli f'wied magħruf bħala Ta' Ċampra, taħt ir-riħ ta' Ta' Qali, sakemm jasal sa biswit l-isptar Monte Carmeli. Kif jgħaddi minn taħt triq l-Imdina, il-wied jieħu l-isem ta' Wied Inċita.

Wied San Martin huwa wied żgħir li jibda minn Ħaż-Żebbuġ, jgħaddi minn taħt it-triq magħrufa Ta' Strina u jferra' f'Wied Inċita wkoll, eżatt minn taħt in-naħa tal-punent tal-isptar Monte Carmeli. Wied Inċita mbagħad jibqa' sejjer sakemm jasal fi Triq Ħaż-Żebbuġ fejn il-wied jgħaddi minn taħt din it-triq u minn hemm jieħu l-isem ta' Wied is-Sewda, sakemm dan jingħaqad mat-tarf ta' Wied il-Kbir f'Ħal Qormi u flimkien jintemmu fil-Marsa fil-baħar.



Kif wieħed jinnota, l-istess wied ibiddel ismu hekk kif jgħaddi minn raħal għal ieħor. Dan għall-kuntrarju tax-xmajjar fl-Ewropa, fejn ix-xmara, tgħaddi mnejn tgħaddi, tibqa' żżomm isimha. Każi klassiċi huma x-xmara *Thames* li tgħaddi minn bosta bliet u x-xmara *Danube* li saħansitra tgħaddi minn diversi pajjiżi.

Bħala tfal, Wied Inċita, għalina kien wieħed mill-imkejjen favoriti tagħna għal bosta raġunijiet. Fih kien hemm għadd ta' siġar tal-lewż, tat-tin, tar-rummien, tal-ħarrub u pal tal-bajtar, li konna nafu eżatt meta dawn isajru l-frott u erħilna nixxabtu ħalli naqtgħu kemm nifilħu. Xitel tal-kappar kien hemm kemm trid u dawn konna nduruhom ukoll. Bosta raħħala mir-raħal kienu wkoll iniżżlu n-nagħaġ u l-mogħoż biex jirgħu fil-wied. Fi żmien il-kaċċa, sew għall-għasafar tal-passa kif ukoll għall-fniek, kienu jitfaċċaw il-kaċċaturi. Għall-kaċċa tal-fenek kienu jinżlu l-wied armati bil-kelb tal-fenek, bin-nemes ġo qafas tal-qasab, xkora, xibka u bastun, li tarf minnu kien ikun bħal forċi biex bih iżomm in-nemes sakemm iqegħdu f'postu.

Għalina t-tfal, il-wied kien joffri wkoll post ideali biex norganizzaw logħob tal-gwerra u noli għax kien hemm bosta mkejjen fejn tistaħba jew biex tfassal nasba għall-'għadu'. Armati bi xkubetti tal-injam u bottijiet mimlijin bir-ramel, jew naqal li jinġieb mal-ilma, li għalina kienu *hand granades*, erħilna nixxalaw qalb il-blat. Din il-kwalità ta' logħob kollha kienet effett tat-tieni gwerra dinjija li kienet għadha kif intemmet.

Il-ġnieb tal-wied kienu akbar milli huma llum għax il-barrieri tal-qawwi, għaż-zrar





*Żewġ skulturi tal-metall tal-artist Charles Sammut – 'Iċ-Ċirku' u ż-'Żewġt itfal bil-karettun' li jżejnu mkejjen pubbliċi f'Ħad-Dingli.*

u ramel, fuq iż-żewġ naħat tiegħu kielu wisq minnu. Nhar ta' Ħadd ma kinux jisparaw furnelli biex jaqtgħu l-blat, u għalhekk wara nofsinhar ma kienx ikollna problemi. Iżda fil-vaganzi konna noqogħdu attenti għall-bandiera l-ħamra li kienet tittella' fuq il-binja tal-*crusher,* u d-daqq tas-sirena ftit qabel jingħataw il-furnelli. Mhux l-ewwel darba li nqbadna fil-wied meta nħossu t-theżżiż tal-furnelli, u nitilqu niġru għall-kenn li ma nintlaqtux mix-xita ta' ġebel u żrar li kienet tinżel fil-wied. B'xorti tajba qatt ma weġġajna.

Hekk kif kien jibda jiħmar ir-rummien, f'Settembru, erħilna ninżlu bit-trabokki biex naqbdu l-pitirrossi. Kelli trabokk bi tmienja li fih kont inqiegħed xi biċċa mill-qalba ta' rummiena jew xi biċċa mera biex inħajjar xi pitirross jidħol fin-nassa. L-ewwel pitirross li jinqabad konna nqegħduh fil-gaġġa tat-trabokk biex inħajru lill-oħrajn. Kemm sigħat għaddejna nistennew ftit 'il bogħod sakemm nisimgħu t-tfaqqigħa tat-trabokk. Dak iż-żmien konna għadna ma nafux napprezzaw il-ħlejjaq ħajjin fl-ambjent naturali tagħhom u mhux fil-gaġeġ. Hekk l-istess għaż-żringijiet li kienu joħorġu mal-ewwel xita. Post li kien favorit għalihom kien taħt pont baxx li kien jgħaqqad iż-żewġt iġnub tal-wied. Illum dan m'għadux hemm. Mur għidli li maż-żmien ftaħt għajnejja, tant li kemm stajt, tajt kontribut biex dawn il-ħlejjaq u oħrajn nidraw inħarsuhom u nħalluhom jgħixu fl-ambjent naturali tagħhom.

F'tarf il-wied, jiġifieri qabel ma jgħaddi minn taħt il-pont fi Triq Ħaż-Żebbuġ, kien hemm dħul ieħor għax-xaqliba l-oħra tal-wied li tiġi taħt ir-riħ ta' Ħaż-Żebbuġ. Dan id-dħul konna nużawh l-aktar wara xi ħalba xita sewwa biex nitilgħu fuq l-iskontru għoli li għadu hemm, biex naraw l-ilma iċarċar mat-turġien. La semmejna din il-parti tat-triq ta' Ħaż-Żebbuġ, tajjeb li nsemmi li din il-parti tat-triq kienet popolari ħafna magħna t-tfal





*Mudelli jew abbozzi ta' 'karru ta' bi tlieta' u ta' 'scooter bi tnejn' maħduma minn Charles Sammut.*

li kellna xi karru ta' tlitt jew t'erba' bolrejs [*ball bearings* użati bħala roti], jew *scooter*, għax il-benniena fit-triq kienet ideali għat-tiġrijiet tal-karrijiet u *scooters*. Traffiku t'inġenji ma tantx kien ikun hemm ħlief xi trakk mill-barriera taż-żrar u r-ramel li konna nisimgħuh ġej minn mil qabel, jew xi karettun ta' xi bidwi jew bejjiegħ. Kemm konna nxappu l-bolrejs biż-żejt maħruq li niddubbaw jew biż-żejt tal-magna tal-ħjata t'ommi, li kont nieħu baxx baxx mid-dar. Kemm konna nagħmlu mutetti, bħal ngħidu aħna, ninxteħtu żaqqna 'l isfel fuq il-karru ħalli r-riħ ma jżommniex lura, nagħtu qadfiet bis-sieq tul in-niżla, u dan kollu biex nimpikaw min jinżel in-niżla l-aktar malajr u jitla' l-aktar fit-tul fit-telgħa n-naħa l-oħra tal-benniena. L-istess konna nagħmlu biċ-ċirku biex naraw ta' min jibqa' sejjer 'il fuq bil-qlib biss. Iċ-ċirku normalment kien ikun xi rota ta' *pram*, bil-lastiku jew tal-ħadid u mmexxi b'biċċa fildiferru soda li fit-tarf kien ikun mgħawweġ f'għamla ta' V.

Kull darba li ngħaddi minn din it-triq niftakar f'dawk il-memorji, li t-tfal tal-lum żgur qatt ma joħolmu bihom għax mehdijin bil-*mobiles, tablets* u *laptops*.

Għandi rabtiet oħrajn ma' Wied Inċita, iżda dan għal darb'oħra.